**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' April, 2016**

Talba Numru: 255/2015JB

Kawza Numru: 3

**Elmo Insurance Limited (C 3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha William Wingfield**

***vs***

**Drop Chemicals Limited (C 6739)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-30 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu s-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames mija u sitt euro u disgha u disghin centezmu (€506.99) liema somma tirraprezenta danni li garrab William Wingfield in segwitu ghal incident li sehh nhar it-12 ta' April 2011 fil-fabbrika gestita mis-Socjeta Konvenuta fi Triq il-Birrerija fil-Qasam Industrijali tal-Imriehel meta l-istess fabbrika nhakmet min-nirien bil-konsegwenza li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAQ807, appartenenti lill-istess Wingfield, garrbet hsarat, ghal-liema hsarat hija ghamlet tajjeb. Tkompli tghid is-Socjeta Attrici li s-Socjeta Konvenuta hija unikament responsabbli ghall-imsemmi incident u l-konsegwenzjali danni stante negligenza, traskuragni u imperizja. Is-Socjeta Attrici talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tal-4 ta' April 2013 u l-imghax legali mill-istess data sad-data tal-pagament effettiv;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-28 ta' April 2015 (a fol 4);

Ra li s-Socjeta Konvenuta, debitament notifikata (a fol 5) laqghet ghal din il-kawza billi nhar l-24 ta' April 2015 ipprezentat risposta (a fol 8) li permezz taghha eccepiet li hija ma tahtix ghall-incident u ghalhekk mghandhiex twiegeb ghal danni billi n-nirien li hakmu l-fabbrika taghha kienu dovuti ghal kaz fortuwitu u mhux ghal xi nuqqas tal-istess Socjeta Konvenuta;

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2015 (a fol 12) fejn is-Socjeta Konvenuta giet awtorizzata tressaq eccezzjoni ohra u cjoe dik li minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, f'kull kaz is-Socjeta Attrici trid taghmel prova tal-kawza u tal-*quantum* tad-danni;

Ra r-rikors tas-Socjeta Konvenuta tas-27 ta' Jannar 2016 (a fol 55) fejn talbet li tressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens li s-Socjeta Attrici mghandhiex interess guridiku fl-azzjoni u ghalhekk mghandhiex legittimazzjoni attiva ghax mhuwiex minnu li l-Attrici ghamlet tajjeb ghad-danni li allegatament garrab William Wingfield u ghalhekk mhux minnu li giet issurrogata fid-drittijiet tieghu;

Ra r-risposta tas-Socjeta Attrici (a fol 58) fejn oggezzjonat ghall-aggunta tal-eccezzjoni waqt li pprezentat ghadd ta' dokumenti (a fol 59 *et seq*);

Ra d-digriet tad-29 ta' Frar 2016 fejn laqa' t-talba u awtorizza l-aggunta tal-eccezzjoni;

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' April 2016 (a fol 63) fejn id-difensuri tal-Partijiet qablu li ghall-ghanijiet tal-eccezzjoni tal-mankata surroga, id-dokumenti prezentati mar-risposta (a fol 59) ghandhom jittiehdu bhala awtentici;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi irrizulta dan li gej:

George Stagno Navarra xehed (a fol 22) u pprezenta kopja tas-*survey report* minnu redatt. Jghid li l-hsarat kienu rizultat ta' nar u li kienu jammontaw ghal hames mitt euro (€500) li thallsu ghas-saldu. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 37), Stagno Navarra qal li l-vettura APG533 ma kienetx spezzjonata minnu ghad li kien spezzjona l-vettura CAQ807 u kien sab partijiet imdewwba. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 42), Stagno Navarra ipprezenta ghadd ta' dokumenti. Hu qal li l-vettura sofriet hsarat minhabba s-shanat qawwija.

Lawrence Formosa xehed (a fol 33) li hu *Senior Claims Manager* mas-socjeta Citadel Insurance plc. Jghid li meta sehh l-incident, is-Socjeta Konvenuta kienet koperta b'polza *Industrial All Risks* liema polza kienet tkopri l-hsarat kollha li jigru gewwa l-fabbrika. Spjega li wara l-incident saret *claim* u gie appuntat *loss adjustor*. Jidher madankollu li bejn is-socjeta assikuratrici u s-Socjeta Konvenuta hemm diverbju li wassal ghal arbitragg li jidher li ghadu pendenti. Jidher li s-socjeta assikuratrici ma tqisx li l-*claim* giet issostanzjata. Ix-xhud kompla jghid li l-kwistjoni tar-responsabbilita hija mertu tal-proceduri arbitrali. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li l-polza kienet tkopri anke r-responsabilita versu terzi. Jghid li huma konsapevoli li gew avvanzati pretensjonijiet minn terzi. Jghid li l-*loss adjustor* ma dahalx fil-kwistjoni tal-hsarat li garrbu terzi.

Anthony Pisani xehed (a fol 36) li hu *Operations Manager* fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili. Jghid li hu kien l-ufficcjal li mexxa l-operazzjoni tat-tifi tan-nar *de quo*. Jghid li d-Dipartiment tieghu gie mgharraf bin-nar minn persuna li kienet fl-akwati. Jghid li meta mar fuq il-post ma kienx hemm rapprezentant tas-Socjeta Konvenuta li madankollu mar fuq il-

post ftit wara. Jghid li talab ghal xi dokumentazzjoni dwar materjal li jinzamm fil-fabbrika imma gie mgharraf li d-dokumenti kollha kienu jinsabu gewwa l-fabbrika. Jghid li qabel xejn huwa dderiga lill-membri tad-Dipartiment sabiex jindividwaw lis-sidien tal-vetturi li kienu pparkjati fil-vicin sabiex inehhu l-vetturi. Jghid li hafna persuni li ngabru barra ma kellhomx cwievet fuqhom peress li gew evakwati mill-ufficcji rispettivi malajr. Jghid li aktar minn shana, fit-triq kien hemm hafna duhhan. Jghid li ghalhekk baghat lil xi membri tad-Dipartiment sabiex jigbru cwievet mill-ufficcji u b'hekk tnehhew il-vetturi. Din l-operazzjoni hadet ftit tal-hin. Jghid li l-operazzjoni kollha damet mal-erbgha u ghoxrin siegha. Jghid li fil-fabbrika kien hemm hafna kimici li ma hadux nar. Jghid li fil-fabbrika kien hemm *fire extinguishers* mal-art ghad li ma kienx hemm sistema ta' *fire hydrants*. Jghid li ma kienx dahal qabel fil-fabbrika u kwindi ma jistax jghid x'mizuri kienu ttiehdu fir-rigward. In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li s-sistema tal-*fire alarm* kienet konnessa man-numru tal-emergenza. Jghid li wara l-incident kien ghamel spezzjoni fuq il-post u sab li kienu saru hafna mizuri ta' sigurta. Jghid li d-Dipartiment ma jkunx stabbilixxa l-kawza tan-nar ghaliex dak hu xoghol l-esperti nominati fl-inkjesta.

William Wingfield xehed (a fol 39) li hu proprjetarju tal-vettura CAQ807 li dak in-nhar tal-incident kienet ipparkjata barra l-fabbrika. Jghid li meta mar biex inehhi l-vettura gie mwaqqaf mill-Pulizija peress li kien hemm in-nar. Ikkonferma li hallas l-*excess* u jghid li ghamel xi tiswijiet bazici izda jghid li l-assikurazzjoni ghadha ma hallsitx. Jghid li l-ispejjez li ghamel biex isewwi l-vettura kienu jlahhqu mat-tlitt mitt euro (€300) izda la ghamel xoghol ta' *spray* u lanqas ma sewwa l-*windscreen*.

Martin Musumeci xehed (a fol 44) li hu kien mahtur bhala espert forensiku fl-inkjesta. Spjega kif jizviluppa nar. Jghid li n-nar probabilment beda f'zona tal-fabbrika fejn kien hemm materjal kombustibbli ghad li ma jistax jistabilixxi b'certezza certi fatti. Jghid li mill-konstatazzjonijiet tieghu wasal ghall-konkluzjoni li l-hruq ma kienx frott intervent uman u kwindi kien accidentali. Jghid li l-haddiema kienu konsapevoli ta' kwistjonijiet relatati ma' sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol. Jghid li hu ma kkonstata xejn irregolari fil-fabbrika. In kontro-ezami, Musumeci jkompli jispjega li hu ma setax jindividwa s-sors tan-nar. Jghid li minn xi twieqi tal-fabbbrika hareg kwantita ta' nugrufun. Jghid li hu la spezzjona l-vetturi li kien hemm barra u lanqas ma jaf x'materjal intuza ghat-tifi tan-nar.

Emanuel Micallef xehed (a fol 48) dwar kif sehh l-incendju fil-fabbrika gestita mis-Socjeta Konvenuta. Jghid li hu kien hareg mill-fabbrika u kif mill-Imriehel wasal Hal-Far cemplulu mill-ufficcju biex jgharrfuh li kien qed idoqq l-allarm u kienet instemghet spluzjoni. Hu saq lura u jghid li fil-frattemp sar jaf li kien hemm min diga cempel lis-servizzi tal-emergenza. Jghid li meta wasal fuq il-post sab li l-*fire engine* kienet ghada ma waslitx. Din waslet ftit wara izda fil-frattemp xi impjegati tieghu li marru wkoll fuq il-post evakwaw il-fabbrika. L-operaturi tal-*fire engine* bdew joperaw wara li accertaw rwiehhom li kienu evakwaw lil kulhadd. Jghid li fil-fabbrika kien hemm installata sistema tat-tifi tan-nar fil-waqt li kienu regolari fejn jirrigwarda s-sahha u s-sigurta fuq il-post tax-xoghol. Ipprezenta wk oll ghadd ta' certifikati u dokumenti ohra fir-rigward. Jghid li kien hemm hazna tal-ilma apposta. Jghid li fil-parti minn fejn jidher li beda n-nar kienu anke nehhew l-elettriku sabiex jevitaw il-possibilta ta' *short circuit*. Fir-rigward tal-vetturi parkeggjati barra jghid li anke dik tieghu ipparkjata barra u garrbet ebda hsarat ghax kull residwu li kien hemm fuqha mar bil-hasil. Jghid li l-vettura ta' Anatoli Debono kienet ipparkjata wara l-*fire engines*. Mill-banda 'l ohra jghid li dik ta' William Wingfield kienet ipparkjata dritt quddiem il-bieb tal-fabbrika fil-waqt li quddiemha kien hemm il-vettura tax-xhud stess. Jghid li l-fabbrika tieghu kienet assikurata

inkluz ghal *third party liability*. In kontro-ezami, ix-xhud jghid li fil-fabbrika kien hemm erba' persuni. Jghid li l-ghadd ta' *fire extinguishers* li kien hemm fil-fabbrika kien tqieghdu fuq rakkomandazzjoni tal-ufficcjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u ta' konsulent imqabbad privat. Hu jikkonferma li fil-fabbrika kien hemm materjal li jista' jiehu n-nar izda ma jistax jikkwalifikah bhala *highly inflammable*. Jghid li mat-tmien impjegati ohra kellhom certifikazzjoni dwar in-nar, izda hadd minn dawn ma kienu fil-fabbrika fil-hin tal-incident. Jghid li fil-fabbrika la kien hemm *confined spaces* u lanqas *explosive environment*. Jghid li l-kimici kienu fil-pjan interrat u ma nharqux. Jghid li x-xoghol li nharaq kien kartun u *plastic* imbaghad inharqu l-magni, it-tankijiet u xterdet il-kimika, u haga tqabbad lill-ohra. Ma jafx x'kien li ta lok ghan-nar u ma jafx x'kien hemm fil-lok fejn impjegata xehdet fl-inkjesta li rat fjamma kbira m'ghola bniedem. Jghid li wara l-incident ghamel miljoranti fil-fabbrika inkluz billi biddel twieqi sabiex jevita li minn barra xi hadd ikun jista' jwaddab xi haga. Jghid ukoll li zied l-apparat tal-*fire fighting*, irranga twieqi tax-*shaft* biex jevita l-effett-cumnija li jqawwi n-nirien u sar *risk assessment* mill-konsulenti tieghu.

It-Tribunal qies b'hafna reqqa l-kopji tal-*proces-verbal* tal-inkjesta *in genere* redatt mill-Magistrat Inkwirenti, illum Imhallef, l-Onorevoli Antonio Mizzi u tad-diversi relazzjonijiet li saru fil-kors tal-inkjesta. Mir-relazzjoni ta' Dr Martin Musumeci, jirrizulta li meta xehed Manuel Micallef quddiem l-istess espert, dan stqarr hekk "*Fil-kantuniera fejn qaluli li beda n-nar kien hemm fliexken tal-*plastic *bil-kaxxi tal-kartun sas-saqaf. Ma' xi travi ghaddej* trunking *li li ghaddej minnu l-elettriku."* Imbaghad meta silet il-konkluzjonijiet tieghu, l-espert sostna li "*Wiehed jista' jahseb li billi* '*kien hemm fliexken tal-*plastic *bil-kaxxi tal-kartun sas-saqaf...*' u billi '*…Ma' xi travi ghaddej* trunking *li li ghaddej minnu l-elettriku…' tista' tigi kkunsidrata l-possibilita li seta' kien hemm xi xrar* (sparks) *jew effetti simili fl-istallazzjoni elettrika minhabba eventi bhal ma jistghu jkunu* short circuits." Waqt li jghid li jista' jkun li tali eventi setghu taw bidu ghall-incendju li rrizulta, mhemmx evidenza cara u konklussiva ta' dan. L-espert ghalhekk jghid li l-incendju kien ta' natura accidentali.

Ikkunsidra;

Illi quddiem dan il-kwadru ta' provi, it-Tribunal irid qabel xejn jistabilixxi jekk hemmx xi responsabbilita da parti tas-Socjeta Konvenuta ghall-incident li b'konsegwenza t'hekk tkun trid imbaghad tirrisarcixxi d-danni reklamati. Min-naha taghha, is-Socjeta Konvenuta qieghda tghid li l-event dannuz kien rizultat ta' kaz fortuwitu. Imiss ghalhekk li tigi qabel xejn deciza din l-eccezzjoni;

Ikkunsidra;

Issa dwar l-eccezzjoni tal-kaz fortuwitu ippronuncjat ruhha l-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tas-27 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet "Brian Valenzia *noe vs* Joseph Camilleri *noe*" fejn, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza aktar antika, irriteniet kif gej:

> L-ewwel sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti hija bazata fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16 fejn jinghad li 'Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew beni tieghu tigri l-hsara.' Izda kif sewwa osservat l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Carmelo Micallef *vs* Brigadier John Belle" (7 ta' Frar, 1953 p. Imh. A. Magri) 'Il-koncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skond il-principji tad-Dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*'. Isegwi li jekk jirrizulta xi nuqqas tal-bniedem din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.

Ricentement, fis-sentenza "Joseph Mallia *noe vs* S & J Premiere Ltd *et*", deciza fis-16 ta' Marzu 2016, dwar kawza fuq danni rizultanti minn perkolazzjoni ta' ilma, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) irriteniet kif gej:

> Ir-ragunament li ghamlet din il-qorti fis-sentenza Vella et vs Cilia,[1] japplika wkoll ghal dan il-kaz: 'Issa anke ghal min hu profan l-indikazzjonijiet huma (anke minn ezami tal-*pipe* esebit fol 86) li jew il-*pipe* ma kienx installat sew jew ma saru l-ebda kontrolli dwaru minn zmien ghal zmien biex jigi accertat l-istat u l-kondizzjoni tieghu. Kontrolli dawn li kienu necessarji li jsiru minn kull '*bonus paterfamilias*' sid ta' fond biex jilqa' ghal kull hsara possibbli mhux biss lil hwejgu izda fuq kollox dawk tat-terzi. Dan premess, irid jigi notat ukoll illi kif pacifikament akkolt, '*quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenza della propria azione od ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto*' (Koll. XXIV.i.172)".

L-Atturi qeghdin korrettament jghidu li l-piz tal-prova tal-kaz fortuwitu tmiss lil min jallegaha. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Tonna *vs* Philip Azzopardi" deciza fit-12 ta' April, 2007 irriteniet li fis-sistema taghna, ir-regoli l-aktar prevalenti dwar il-provi jidher li huma dawn:

> Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*).[2]
>
> Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'.[3]
>
> Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

Naturalment, il-valutazzjoni tal-provi tmiss lill-gudikant li ghandu d-diskrezzjoni li japprezza r-rizultanzi probatorji u li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli.

Fil-kaz odjern madankollu, wiehed irid iqis li l-proceduri odjerni qeghdin jittiehdu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u ghalhekk huma regolati, principalment, bid-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Skond id-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Att, fil-waqt li t-Tribunal huwa marbut bid-dettami tal-gustizzja naturali, "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun*

[1] "Giovanni Vella *et vs* Michael Cilia" tat-23 ta' Gunju 2004

[2] *Vide* f'dan is-sens "Francesca Mallia *vs* Salvatore Guillaumier" deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Koll. XLVI.i.5)

[3] *Vide* f'dan is-sens "Joseph Zammit *vs* Joseph Hili" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Koll. XXXVII.i.577)

*biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta*."[4] Fuq kollox, it-Tribunal huwa kostrett li jiddeciedi t-talbiet li jkollu quddiemu skond l-ekwita'.[5]

Ikkunsidra;

Illi mill-provi li ghandu quddiemu t-Tribunal, partikolarment minn dak li stqarr Martin Musumeci, jidher li l-hruq ma kienx frott intervent uman. Musumeci wasal ghall-konkluzjoni li l-hruq kien ta' natura accidentali u jzid jghid li ma kkonstata xejn irregolari fil-fabbrika u dan minkejja li kif stqarr hu stess, ma setax jindividwa s-sors tan-nar. Ghalhekk, mhemmx dubju li l-akkadut kien event avveniment insolitu, sproporzjonat. Fuq l-iskorta tal-principji gurisprudenzjali fuq riportati, irid madankollu jigi deciz jekk tali avveniment insolitu u sproporzjonat, huwiex ukoll inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*. Fil-fehma tat-Tribunal, ir-risposta ghal dan qieghdha fix-xhieda ta' Micallef, kemm dik li ta quddiem it-Tribunal kif ukoll li ta quddiem Musumeci fil-kors tal-inkjesta *in genere*.

Fil-fatt, fil-kors tal-inkjesta Micallef stqarr li fil-kantuniera fejn qalulu li beda n-nar kien hemm fliexken tal-*plastic* bil-kaxxi tal-kartun sas-saqaf, fejn ma' xi travi ghaddej *trunking* li ghaddej minnu l-elettriku. Issa meta xehed quddiem it-Tribunal, Micallef qal li fil-parti minn fejn jidher li beda n-nar kienu anke nehhew l-elettriku sabiex jevitaw il-possibilta ta' *short circuit*. Hu x'inhu, hu car li Micallef kien konxju tal-possibilita ta' *short circuit* u ghalhekk bhal *bonus pater familias* kellu jiehu kull mizura possibbli biex jevita aktar periklu. Il-materjal stivat sas-saqaf fejn jidher li kien ghaddej l-elettriku ma jidhirx li hu floku. Hu car ukoll li gjaladarba fil-fabbrika kien hemm materjal li jista' jiehu n-nar, hu logiku li kellhom jittiehdu prekawzjonijiet. Ghalhekk mhuwiex floku li ghad li mat-tmien impjegati kellhom certifikazzjoni dwar in-nar, hadd minnhom ma kien fil-fabbrika fil-hin tal-incident. Fuq kollox, il-fatt li wara l-incident saru miljoranti fil-fabbrika inkluz billi tbiddlu twieqi sabiex ikun evitat li xi hadd ikun jista' jwaddab xi haga minn barra, zdied l-apparat tal-*fire fighting*, u trangaw twieqi tax-*shaft* biex ikun evitat l-effett-cumnija li jqawwi n-nirien juri li kien hemm lok ghal miljoramenti minn qabel.

Ikkunsidra;

Illi l-grad tal-prova rikjest sabiex tirnexxi l-odjerna azzjoni huwa fuq bazi ta' bilanc ta' probabilitajiet. Fuq dan il-kejl it-Tribunal irid iqis jekk fil-kaz odjern intwerietx id-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*. Tenut kont tan-natura tal-lok fejn sehh l-incident, tal-materjali li kienu jinzammu hemm, quddiem il-kumpless tal-provi, it-Tribunal iqis li l-kaz odjern ma jistax jitqies bhala kaz fortuwitu u kwindi l-ewwel eccezzjoni se tigi michuda.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-ewwel eccezzjoni, jmiss li tigi deciza l-eccezzjoni mqanqla dwar is-surroga.

It-Tribunal ghandu quddiemu ix-xhieda ta' Wingfield li dan jghid li mhux biss ma thallas xejn mghand is-Socjeta Attrici talli kellu jaghmel it-tiswijiet fil-vettura tieghu hu stess. Min-

---

[4] Art. 9(2)(b) tal-Kap. 380

[5] Art. 7(1) tal-Kap. 380

naha ‘l ohra ghandu wkoll zewg dokumenti inkluz kopja ta’ *cheque* ghal €500 mahrug fis-17 ta’ Mejju 2011 (a fol 59) u u skrittura tal-ghada (a fol 60) li taqra’ hekk:

> In consideration of the payment to me/us by the Insurer named below of the sum stated as Damages at the foot hereof, receipt of which sum I/we hereby acknowledge, I/we absolutely and finally discharge and indemnify the Party(ies) names and any other party whatsoever from all further claims of every nature and kind competent to me/us arising out of the Accident or Loss hereinafter mentioned.
>
> It is agreed that this payment is being made with a denial of liability.

Fuq kwistjoni simili ippronuncja ruhu dan it-Tribunal fis-sentenza fl-ismijiet “Ian Stivala *vs* Mario Psaila” (Talba Nru: 779/2015JB) fejn dwar is-surroga irritjena kif gej:

> L-Art. 1164 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi espressament li “*min iħallas id-dejn ta’ wieħed ieħor ma jidħolx fil-jeddijiet tal-kreditur, ħlief bis-saħħa ta’ konvenzjoni, jew b’disposizzjoni tal-liġi.*” Issa l-konvenzjoni ssir f’zewg cirkostanzi – wahda (regolata bl-Art. 1165(1)(b) tal-Kap. 16) meta jkun hemm self… u l-ohra (regolata bl-Art. 1165(1)(a) tal-Kap. 16) “*meta l-kreditur idaħħal floku l-persuna li mingħandha jieħu l-ħlas fil-jeddijiet tiegħu kollha kontra d-debitur, basta li din is-surroga ssir espressament u flimkien mal-ħlas.*” Is-surroga ssir ukoll *ipso jure* f’certi cirkostanzi inkluz a favur “*ta’ dak li kien obbligat ma’ oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu*” u dan kif jipprovdi l-Art. 1166(c) tal-Kap. 16.

Il-Qrati taghna sostnew illi gjaladarba socjeta assikuratrici tkun ghamlet tajjeb ghad-danni konsegwenzjali ghal incident u hallsithom, kif kienet obbligata li taghmel skond il-kuntratt ta’ l-assigurazzjoni, allura ssehh surroga issir *ipso jure* a bazi l-Art. 1166(c) tal-Kap. 16.[6] Ghalhekk, gjaladarba s-surroga ssir *ipso jure*, l-iskrittura tas-surroga ghandha ftit jew xejn rilevanza. Certament li dan javvalla lis-Socjeta Attrici ghaliex l-iskrittura minnha prezentata (a fol 60) mghandha l-ebda effett ta’ skrittura ta’ surroga.

Il-kwistjoni li tibqa’ fil-kaz odjern madankollu hija jekk il-pagament effettivament sarx. Ghad li giet prezentata l-iskrittura (li hi minnha nfisha ricevuta) a fol 60 kif ukoll il-kopja tac-*cheque* a fol 59, mhuwiex kontestat li Wingfield meta xehed stqarr li ghadu ma thallasx.

Quddiem din is-sitwazzjoni, u tenut kont tat-trapass taz-zmien, it-Tribunal sejjer joqghod fuq il-provi dokumentarji li ghandu u fil-waqt li jiskarta x-xhieda ta’ Wingfield, gjaladarba kontradetta bil-provi dokumentarji, sejjer jichad din l-eccezzjoni.

Ikkunsidra;;

Sorvolata anke dina l-eccezzjoni, jifdal li tigi deciza l-eccezzjoni l-ohra li jifdal u cjoe dik li minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, f’kull kaz is-Socjeta Attrici trid taghmel prova tal-kawza u tal-*quantum* tad-danni.

It-Tribunal gharbel bir-reqqa l-fatti kollha li ghandu quddiemu u fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt mhux kontestat li l-vettura in kwistjoni inqabdet f’nofs l-operazzjoni tat-tifi tan-nar, liema nar kien estensiv u ghamel hsara kbira kemm fuq gewwa kif ukoll fuq barra tal-fabbrika, iqis li huwa verosimili li tali vettura garrbet hsarat.

---

[6] *Vide* f’dan is-sens “Hugh Zammit *noe vs* Joseph Spiteri” deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-05 ta’ Ottubru 1993 u “Edgar Galea *noe vs* John Tanti” deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Dicembru 1991

Dan ghalhekk igibna sabiex inqisu l-*quantum* tad-danni reklamati.  Fil-fehma tat-Tribunal, bix-xhieda prodotti minnha, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova li ghamlet pagament ta' hamess mitt euro (€500) u kwindi jsegwi li t-talba kellha tkun limitata ghal din is-somma.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi, fil-waqt li jichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tas-Socjeta Konvenuta u cjoe dik tal-event fortuwitu u l-ohra tas-surroga, jilqa' limitatament it-tieni eccezzjoni tas-Socjeta Konvenuta u konsegwentement jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €500 bl-imghax mil-lum.  Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*